MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 92/2011

**Joseph Zammit u martu Josette Zammit**

**-vs-**

**Peter Paul Vella**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-atturi li permezz tieghu ppremettew:

1. Illi l-esponenti huma propjetarji ta’ art ossia raba’ u xi bini go fiha maghrufa ahjar ta’ wara s-Sur Victoria, Ghawdex u dan kif deskritta ahjar fl-att pubbliku tal-akkwist tas-6 ta’ Ottubru, 1988 fl-atti tan-Nutar Anthony Attard li f’din l-art jinkludi hajt divizorju tas-sejjieh li kien suggett tal-proceduri tal-mandat t’inibizzjoni 42/2011 fl-ismijiet ‘Joseph Zammit et vs Peter Paul Vella’ fejn il-Qorti fid-digriet taghha tas-27 t’Ottubru, 2011 laqghet il-hrug tal-mandat t’inibizzjoni fil-konfront tal-intimat Peter Paul Vella

li ghamel xi xoghlijiet fuq l-istess hajt li tul dan il-hajt kollu u li tmiss mieghu nkluz l-istess hajt huwa propjeta' tar-rikorrenti skont l-istess att pubbliku hawn fuq citat;

2. Illi peress illi l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni 42/2011 fl-ismijiet 'Joseph Zammit et vs Peter Paul Vella' kif gia nghad laqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni favur r-rikorrenti bl-ispejjez a karigu tal-intimat;

3. Illi peress li l-esponenti ghandhom kemm il-pussess tal-istess art li tmiss mal-istess hajt ossia hajt tas-sejjieh suggett tal-mandat t'inibizzjoni u kif indikat fir-relazzjoni tal-Perit Shawn Micallef fir-relazzjoni tieghu fl-atti tal-istess mandat, kif ukoll l-istess titolu tal-imsemmija art;
Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti ghandhom it-titolu fuq l-istess art indikata fl-att tal-akkwist fl-Atti tan-Nutar Anthony Attard datat 6 t'Ottubru 1988;

2. Tiddikjara li l-hajt suggett tal-Mandat t'inibizzjoni bin-numru 42/2011 fl-ismijiet 'Joseph Zammit et vs Peter Paul Vella' huwa proprjeta' tal-istess rikorrenti en toto jew in parti;

3. Tikkonferma definittivament l-effetti tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 42/2011 fl-ismijiet 'Joseph Zammit et vs Peter Paul Vella' u dan taht piena ta' disprezz lejn l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi, tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 42/2011 fl-ismijiet 'Joseph Zammit et vs Peter Paul Vella' kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi qabel xejn, l-atturi jridu jindikaw precizament x'tip ta' azzjoni qed jiddeducu, cioe' jekk humiex qed

jezercitaw l-azzjoni rivendikatorja, kif jidher illi qed jaghmlu meta wiehed ihares lejn l-ewwel talba attrici, jew inkella dik possessorja; jew inkella xi kawza ohra illi l-esponenti sa issa ghadu ma rnexxilux jifhem in-natura taghha. Darba ssir tali kjarifika, l-esponenti jkun fi grad li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri – dejjem skond il-kaz – kontra t-talba attrici in kwantu n-natura ta' tali eccezzjonijiet tkun tiddependi necessarjament fuq in-natura tal-kawza;

2. Illi jekk, imbaghad, din hija azzjoni rivendikatorja, allura r-rikors guramentat odjern huwa monk u null stante illi l-atturi mhux qed jitolbu r-rivendika ta' din l-art minghand l-esponenti;

3. Illi, di piu', l-azzjoni rivendikatorja ma hijiex applikabbli ghall-kaz odjern stante li l-esponenti jinsab imcahhad mill-pussess fuq l-art de quo fid-dawl tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 42/2011 li ghalih jirreferu l-istess atturi;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, ma huwiex korrett jinghad li l-art akkwistata mill-atturi bis-sahha tal-kuntratt tan-Nutar Anthony Attard tas-6 ta' Ottubru 1988 jinkludi l-art mertu ta' din il-kawza, u per konsegwenza lanqas ma tregi l-pretensjoni tal-atturi li huma ghandhom titolu fuq il-hajt de quo; u dana kif sejjer jirrizulta dettaljatament fil-mori ta' dina l-kawza;

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk din hija azzjoni rivendikatorja allura jinhtieg ukoll illi jigu kjamati f'dina l-kawza s-segwenti: (1) mart l-esponenti, senjatament Maria Assunta Vella nee' Cauchi – l-esponenti akkwista diversi apprezzamenti t'art illi llum l-atturi qed jghidu illi huma taghhom waqt iz-zwieg, liema apprezzamenti allura jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u martu Maria Assunta Vella; (ii) Anthony u Georgina konjugi Cauchi; (iii) Vincent u Josephine konjugi Zammit; u (iv) Francis Cauchi, detenturi tal-karta ta' l-identita' bin-numru 26170G, 26466G, 3059G, 3460G, 13966G u 88943G rispettivament;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt permessi mil-ligi.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-atturi b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenut li permezz taghha gie eccepit:

1. Illi bis-sahha tan-nota taghhom, l-atturi ddikjaraw espressament li l-kawza promossa minnhom 'hija wahda possessorja, u dan peress illi x-xoghol kif maghmul mill-konvenuti qieghed isir fil-proprjeta' tar-rikorrenti, u dan bi hsara fil-proprjeta' tal-istess rikorrenti'.

2. Illi fid-dawl ta' dikjarazzjoni daqstant cara, anki jekk l-atturi baqghu ma spjegawx liema wahda minn fost il-kawzi possessorji huma qeghdin jintentaw, din il-kawza tista' timxi 'l quddiem u tigi kkunsidrata biss bhala kawza possessorja u mhux xi tip iehor ta' kawza kwalsiasi;

3. Illi b'danakollu, l-ebda wahda mit-talbiet tal-atturi ma tista' titqies li tinkwadra ruhha fil-parametri ta' kawza possessorja;

4. Illi ghaldaqstant u konsegwentement, l-ewwel zewg talbiet – li huma fformulati b'mod li l-istess zewg talbiet jirreferu espressament ghal dikjarazzjoni ta' titolu u dikjarazzjoni ta' proprjeta' – ma jistghu qatt jigu milqugha fil-kwadru u fil-parametri ta' kawza possessorja;

5. Illi rigward it-tielet talba, din hija limitata ghal talba sabiex l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni jigu 'ikkonfermati definittivament…u dan taht piena ta' disprezz lejn l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti';

6. Illi l-esponenti jissottomettu illi galadarba l-ewwel zewg talbiet ma jistghux iregu fit-tip ta' kawza promossa mill-atturi, lanqas it-tielet talba ma tista' tregi. Ghaliex

jirrizulta minn gurisprudenza stabbilita[1] li ma huwiex lecitu li l-effetti ta' mandat ta' inibizzjoni jigu perpetwati bil-mod li qeghdin jitolbu r-rikorrenti. Ma huwiex moghti lil ebda persuna skont is-sistema guridiku ta' pajjizna illi jintavola citazzjoni fejn jitlob *sic et sempliciter* illi l-konvenut jigi nibit milli jaghmel xi att minghajr fl-istess waqt ma jgib 'il quddiem il-pretensjoni jew dritt tieghu sabiex izomm lill-konvenut milli jaghmel dak l-att. Dan ghaliex altrimenti jkun qieghed jinghata lok sabiex persuna tipperpetwa mandat ta' inibizzjoni minghajr ma ggib 'il quddiem il-kawza in sostenn tal-pretensjoni tieghu kif dedotta fil-mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-artikoli 843, 844 u 875 tal-Kap 12. U kawza li tkun tikkontjeni biss talba sabiex mandat ta' inibizzjoni jigi perpetwat tkun wahda monka, irrita u nulla.

7. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-verbali tas-seduti tat-12 ta' April, 2011 u ta' l-20 ta' Settembru, 2011.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjonijiet preliminari mressqa fir-risposta ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi huwa evidenti li l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-konvenut fir-risposta ulterjuri tieghu jirrigwardaw l-inammissibilita' tal-ewwel zewg talbiet tal-atturi. Hekk kif jirrizulta mill-ewwel eccezzjoni tar-risposta guramentata l-konvenut mill-ewwel talba lill-atturi jikkjarifikaw x'tip ta' azzjoni qeghdin jezercitaw – jekk hux azzjoni possessorja jew petitorja. In vista ta' tali eccezzjoni l-atturi permezz ta' nota ddikjaraw 'illi l-kawza hekk kif propagata mir-rikorrenti hija wahda possessorja u dan peress illi x-xoghol, kif maghmul mill-konvenuti qieghed isir fil-

[1] Ara fost l-ahhar sentenzi f'dan is-sens, dik moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar 2002, fl-ismijiet 'Lawrence Tabone et vs Raymond Tabone'

proprjeta' tar-rikorrenti u dan bi hsara fil-proprjeta' tal-istess rikorrenti'.

In segwitu ghal tali dikjarazzjoni l-Qorti trid tezamina l-azzjoni odjerna bhala azzjoni possessorja.

Iz-zewg talbiet attrici, li l-konvenut qieghed isostni li huma inammissibbli f'azzjoni possessorja, testwalment ighidu hekk:

*1. Tiddikjara illi r-rikorrenti ghandhom it-titolu fuq l-istess art indikata fl-att tal-akkwist fl-Atti tan-Nutar Anthony Attard datat 6 t'Ottubru 1988;*

*2. Tiddikjara li l-hajt suggett tal-Mandat t'inibizzjoni bin-numru 42/2011 fl-ismijiet 'Joseph Zammit et vs Peter Paul Vella' huwa proprjeta' tal-istess rikorrenti en toto jew in parti;*

Hekk kif inghad fis-sentenza **Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi**[2]

"*Huwa principju generali bil-wisq notorju illi n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri. Il-'kawza' ta' domanda hija r-raguni guridika taghha, ossija l-fundamentum agendi taghha (Vol. XI p 401). Din il-kawza, li hija l-origini tad-domanda, tiddistingwi ruhha mill-oggett tac-citazzjoni, li huwa "cio` che e` attualmente domandato" (Vol. X p 926)*".

Illi hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Manuel Schembri vs France Cutajar**[3] huwa principju stabbilit illi it-tifsir car u sewwa tal-oggett tal-kawza u tat-talbiet skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 156 tal-Kap 12 ghandhom jirrizultaw mill-istess att tac-citazzjoni nnifsu u mhux minn

[2] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza mill-Imhallef Philip Sciberras deciza fil-31 ta' Jannar 2003
[3] Cit Nru: 479/95RCP deciza fit-30 ta' Jannar, 2001

*"xi kjarifika li tista' issir dwarhom matul it-trattazzjoni"*[4]. Dik il-Qorti kompliet:

*'Illi dan l-ezercizzju ghandu wkoll jigi ezaminat fid-dawl tal-massima ormai llum addottata mill-Qrati taghna illi "il-formalizmu ezegerat ukoll ilu hafna li gie mnaqqas u limitat li bir-ragun, il-ligi qed tkun aktar u aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet tal-forom li jnutruh* ***("Charles Fino vs Alfred Fabbri noe"*** *- A.C. 28 ta' Frar 1997;* ***"Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et" -*** *P.A. (R.C.P.) 28 ta' Ottubru 1998;* ***"Sav. Falzon vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar" -*** *A.C. 31 ta' Mejju 1996).*

*Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku li a bazi ta' dak li ntqal fis-sentenza* ***"Michael Attard nomine vs Raymond Galea"*** *(A.C. 12 ta' Mejju 1998) dwar kawzali distinti minn xulxin, u applikati dawn il-principji ghall-kaz de quo, l-attur m'ghandux l-ewwel fil-premessi jitkellem dwar titolu u pussess, u mbaghad fit-talbiet jghaqqad kollox flimkien, b'mod li f'din l-azzjoni sar kollox neboluz jekk l-azzjoni hija ibbazata fuq titolu jew biss fuq pussess jew detenzjoni.*

*Illi tali konfuzjoni m'ghandhiex issir ghaliex dan ma huwiex tollerat skond l-****artikolu 156 (1) tal-Kap 12,*** *billi dan la jkun gust mal-kontro-parti li trid tkun f'qaghda li tiddefendi ruhha, u di piu' tpoggi lill-gudikant f'sitwazzjoni ta' ncertezza dwar l-indoli veru tal-procedura li jrid jiddeciedi dwarha. Dan huwa konfermat bis-sentenza* ***"Joseph Tabone vs Joseph Flavia"*** *(A.C. 7 ta' Marzu 1958 - XLII.i.86) fejn inghad li huwa dejjem necessarju li c-citazzjoni ghandu jkollha tifsira cara tal-oggett u r-raguni tat-talba u "dan huwa dejjem necessarju biex il-konvenut ikun jaf minnufih u b'certezza dak li ghandu jiddefendi ruhu minnu….".*

Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Debattista vs Giuseppe Massa**[5] "kif osservat il-Qorti ta' Firenze fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru 1869 (Fadda,

[4] **Raymond Bezzina vs Anthony Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Marzu 1998

[5] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-25 ta' Gunju 1935

Comm. Art. 694, para 1443), "*se un giudizio petitorio o possessorio si desume dall'atto di citazione o dalla prima difesa del convenuto"; Illi l-Qorti ta' Torin (idem para 1394) osservat illi 'per distinguere l'azione possessoria dalla petitoria devonsi ritenere questi criteri: o la domanda si appoggia esclusivamente sul possesso come fatto, e l'attore allegando questo fatto chiede di essere mantenuto o reintegrato nel suo possesso, e allora l'azione e' possessoria; o la domanda ha per fondamento l'offesa del diritto piu' o meno di proprieta`, e allora l'azione istituita e' una azione petitoria*".

Fil-kawza **Carlo Pace vs Giuseppe Riccardo Bugeja**[6] ikkonfermat li "*il-kriterju biex tingharaf azzjoni wahda mill-ohra, huwa l-iskop ta' l-azzjoni; jekk id-domanda tkun pogguta eskluzivament fuq il-pussess bhala fatt u tigi mitluba l-manutenzjoni jew reintegrazzjoni f'dak il-pussess, allura l-azzjoni hija possessorja; jekk id-domanda hija fondata fuq l-offiza tal-proprjeta`, allura l-azzjoni hija petitorja*".

Fil-kawza **Generoso Cutajar vs Emmanuele Cutajar**[7] il-Qorti wkoll kellha quddiemha kawza li dwarha riedet tiddeciedi jekk kinitx wahda ta' natura possessorja jew petitorja. Inghad li l-azzjonijiet possessorji, fosthom l-azzjoni ta' spoll, ghandhom bhala fondament taghhom il-pussess, ta' kwalunkwe xorta, u bhala objettiv taghhom it-tutela ta' dak il-pussess;  mentri l-fondament guridiku ta' l-azzjoni petitorja huwa d-dritt, u l-iskop taghha huwa r-rikonoxximent u t-tutela ta' dak id-dritt. F'din l-istess sentenza l-Qorti tenniet li biex tigi ffissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata, wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem, kemm lejn dak li sostanzjalment ikun gie mitlub fic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. Fil-kaz quddiemha l-Qorti kienet ikkonkludiet li l-azzjoni promossa kienet wahda petitorja u dan peress li kienet tippredomina l-idea ta' proprjeta'.

6 Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef William Harding deciza fl-1 ta' Ottubru, 1935
7 Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef A. Magri deciza fit-22 ta' Ottubru, 1953

Illi stabbilit lejn x'tip ta' ezami jehtieg ghall-Qorti biex tirrizolvi l-kwezit odjern, jinghad ukoll li l-Qorti hija a konoxxenza tal-principju li l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati entro d-dettami tal-ligi peress li r-rigorozitajiet procedurali ma humiex ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk m'ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza u dan iktar u iktar meta llum fl-att tac-citazzjoni hemm dejjem il-formola ritwali "- premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provedimenti opportuni - proprju sabiex jaghmlu tajjeb ghal kwalunkwe' esigenza ta' forma' li tkun necessarja biex l-att ikun komplit b'kull talba ghal kwalunkwe dikjarazzjoni[8].

Illi fil-kaz odjern l-atturi qeghdin jitolbu li jigu dikjarati li huma ghandhom titolu fuq l-art imsemmija minnhom liema art tinkorpora wkoll il-hajt divizorju suggett tal-mandat ta' inibizzjoni; u t-tieni talba hija li jigi dikjarat li l-hajt inkwistjoni huwa proprjeta' taghhom.

Illi hekk kif gie mpustat ir-rikors guramentat ma kienx car x'tip ta' azzjoni kienet qeghdha tigi ntentata. Kien ghalhekk li l-istess atturi nghataw l-opportunita' permezz ta' nota sabiex jiddikjaraw x'tip ta' azzjoni kienet qeghdha tigi ezercitata. Fin-nota ddikjaraw li hija azzjoni possessorja ghalkemm ma ndikawx liema mill-azzjonijiet possessorji kienet effettivament qeghdha tigi ezercitata. L-ezistenza ta' tali nota ma tistax tigi njorata anki peress li l-konvenut ressaq eccezzjonijiet in segwitu taghha.

Fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni l-Qorti ma tistax tasal hlief ghall-konkluzjoni wahda wara li tezamina r-rikors guramentat – l-ewwel zewg talbiet ma jaqghux fil-parametri ta' azzjoni possessorja izda huma eminentement petitorji. Lanqas ma tirrizulta l-frazi mill-korp tar-rikors promotur li permezz taghha l-Qorti qeghda tinghata certu flessibilita' inkwantu ghal dak li jirrigwarda dikjarazzjonijiet u provvedimenti li jistghu jirrizultaw li

---

[8] **Mary Cosaitis vs Mario Muscat** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fis-27 ta' Novembru 1990; **Manuel Schembri vs France Cutajar,** Cit Nru: 479/95RCP deciza fit-30 ta' Jannar, 2001

huma necessarji. Ghalhekk l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-konvenut fir-risposta ulterjuri ghandhom jintlaqghu.

Illi l-ahhar zewg eccezzjonijiet tal-konvenut fir-risposta ulterjuri tirrigwarda t-tielet talba tal-atturi, li allura issa l-uniku talba rimanenti, li tikkonsisti f'talba lill-Qorti sabiex tikkonferma definttivament l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni Nru 42/2011.

Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Salvu Fenech vs Malta Dairy Products Limited et**[9] inghataw diversi sentenzi rigward dan il-punt fosthom **Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru 1991, fejn sostniet illi:-

*"Kull mandat kawtelatorju min-natura tieghu stess, ghandu validita' u hajja, sakemm u biex il-kreditur ikollu opportunita' li jikkonkretizza l-kreditu tieghu f'titolu ezekuttiv ……… u jippermetti jesegwixxi kreditu li b' hekk ma jkollux bzonn ta' aktar kawtela".*

Illi ghalhekk l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fl-istess sentenza ghamlet id-differenza li tezisti bejn *"id-dritt ta' kawtela - cjoe' id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li jista' jigi kawtelat. Dawn huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed……… Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m' huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat".*

Il-kwistjoni kollha hija li ma *"tikkonfondi l-kuncett ta' kawtela ma' dik ta' garanzija ta' drittijiet".*

Dan gie kkonfermat f'diversi sentenzi fejn saru talbiet sabiex jigi kkonfermat in perpetwu mandat ta' inibizzjoni *sic et simpliciter* inkluzi fil-kawzi **"Connie mart Anthony Galea vs Joseph Gauci"** (P.A. (AJM) 4 ta' Ottubru 1993) li sostniet illi *"tali talba attrici ma hijiex permessa fil-ligi taghna billi twassal ghall-inibizzjoni perpetwa tal-konvenut milli jaghmel dak imsemmi fil-mandat minghajr ma jigi*

[9] Cit Nru:1561/1997RCP deciza fit-30 ta' Ottubru, 2003

*stabbilit jekk l-attur ghandux il-jedd, li rrizulta prima facie pruvat fil-proceduri tal-mandat".* Tali sentenza **"C. Galea vs J. Gauci"** giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru 1997 anke peress li rrizulta li l-atturi ddeducew il-pretensjoni taghhom b'kawza separata, u ghalhekk ma kienx hemm bzonn konferma tal-mandat billi dan jibqa' *in vigore* sakemm tigi deciza l-pretensjoni tal-atturi.

Illi l-gurisprudenza hija kostanti f'dan ir-rigward u stabbilit konsistentament illi:-

(a) Talba sabiex mandat t'inibizzjoni jigi kkonfermat in perpetwita' ma hijiex ammissibbli skond il-ligi taghna u senjatament kontra d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 843 tal-Kap 12.**

(b) Illi wara kull mandat t'inibizzjoni, fit-terminu preskritt skond l-istess **artikolu 843 tal-Kap 12** ghandha ssir citazzjoni ghall-jedd imsemmi u kawtelat fil-mandat.

(c) Illi t-talbiet ghal tali konsegwiment u asserzjoni tal-jedd sostantiv ivarjaw skond id-dritt li jrid jigi vantat, u jista' jimporta talba sabiex il-konvenut jigi nibit milli jaghmel xi haga lill-attur, *proprio* minhabba d-dritt sostantiv tal-attur vantat u ezercitat fl-istess citazzjoni. (*Vide* **"Cassar vs Mallia u D. Camilleri vs J. Camilleri"** fuq citati).

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fir-risposta ulterjuri, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------